**28 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Anthony Satariano

*versus*

L-Avukat Ġenerali *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Estradizzjoni - Stati Uniti ta' l-Amerika - Renju Unit - Kolonji - *Dominions* - Preskrizzjoni - Qorti ta' l-Appell Kriminali - Ġurisdizzjoni**

*Ir-rikorrent kien ġie mressaq quddiem il-Qrati biex jiġi estradit għall-Istati Uniti ta' l-Amerika. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-kors ta' dawn il-proċeduri, kienet ordnat din l-estradizzjoni. Ir-rikorrent irrikorra lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi ppretenda li din l-estradizzjoni u l-ordni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienu in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti mill-artikolu*

*43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat din is-sentenza billi ddeċidiet illi in kwantu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ordni tagħha kienet iddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni fuq il-kwistjoni jekk ir-reat għal-liema kienet qiegħda tintalab l-estradizzjoni tar-rikorrent kienx milqut bil-preskrizzjoni kienet skorretta. Il-Qorti Kostituzzjonali għalhekk annullat din il-parti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u reġgħet batgħet lir-rikorrent quddiem dik il-Qorti biex tiġi deċiża l-kwistjoni tal-preskrizjoni tar-reat minnu ssollevata.*

*Il-Qorti ddeċidiet li fl-estensjoni tat-trattat ta' estradizzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, għall-Malta fl-1933 ma kien hemm xejn* ultra vires *jew irregolari. Ir-referenza għad-*dominions *f'dak it-trattat u frażijiet oħra fih użati kienu evidentement jirreferu għall-kolonji tar-*Renju *Unit, fosthom Malta.*

*Il-Qorti inoltre ddeċidiet li kien il-kompitu tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li, qabel ma tagħmel ordni ta' estradizzjoni, tara jekk ir-reat għal-liema tintalab l-estradizzjoni kienx milqut bil-preskrizzjoni. In kwantu dik il-Qorti kienet, fil-proċeduri meritu tar-rikors, iddeklinat li tagħmel hekk, kisret id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-4 ta' Awissu, 1997, li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Anthony Satariano, minnu ppreżentata fl-1 ta' Lulju, 1997, li bih, wara li ppremetta;

Illi fuq talba ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-esponent ġie assoġġettat għall-proċeduri t'estradizzjoni minn Malta għall-istess U.S.A., u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'sentenza tas-16 ta' Ġunju, 1997 awtorizzat l-estradizzjoni ta' l-esponenti;

Illi skond l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-estradizzjoni hija biss permessa jekk tissodisfa żewġ prerekwiżiti: (a) trid tkun skond arranġamenti għall-estradizzjoni kkontenuti fi trattat; u (b) l-estradizzjoni trid issir skond l-awtorita` ta' liġi;

Illi t-trattat invokat mill-awtoritajiet bħala l-bażi ta' l-estradizzjoni ta' l-esponent huwa dak iffirmat fit-22 ta' Diċembru, 1931 bejn il-Maesta Tiegħu r-Re tal-Gran Brittanja u l-President ta' l-Istati Uniti;

Illi dan it-trattat ġie reż applikabbli għal Malta b'*Order in Council*, li tinsab ippubblikata fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 403 ta' l-1935;

Illi dan l-*Order in Council* li rrenda applikabbli għal Malta t-trattat ta' estradizzjoni fuq referit huwa manifestament *ultra vires*, in kwantu l-partijiet kontrattanti dak il-kuntratt kienu stipulaw espressament għal liema territorji dak it-trattat kien jestendi jew seta' jiġi estiż, u f'din l-enumerazzjoni tassattiva ma nkludewx il-kolonji ta' l-Imperu Brittaniku;

Illi infatti fl-artikolu 2 ta' dak it-trattat, il-partijiet kontraenti kienu stipulaw illi dak it-trattat kien jestendi għall-Gran Brittanja, l-Irlanda tan-Nord, iċ-*Channel Islands*, l-*Isle of Man* u dawk id-dominji li ma kinux enumerati fl-artikolu 14, flimkien mat-territorji enumerati fl-artikolu 16 u dawk it-territorji li setgħu jiġu inklużi

taħt l-artikolu 17;

Illi d-dominji elenkati fl-artikolu 14 li *għalihom* seta' jiġi estiż it-trattat kienu d-Dominju tal-Kanada, il-*Commonwealth* ta' l-Awstralja, id-Dominju ta' *New Zealand*, l-Unjoni tas-*South Africa*, l-*Irish Free State*, *New Zealand* u l-Indja;

Illi t-territorji li għalihom seta' jiġi estiż it-trattat skond l-artikolu 16 kienu l-Protettorati hemm imsemmija u dawk it-territorji li l-Gran Brittanja kienet qiegħda tamministra taħt mandat tan-Nazzjonijiet Uniti msemmija f'dak l-artikolu;

Illi skond l-artikolu 17, il-Gran Brittanja setgħet ukoll testendi l-applikazzjoni tat-trattat ta' estradizzjoni għall-protettorati u territorji mandati mhux imsemmija fl-artikolu 16;

Illi mela, skond it-trattat, il-kontraenti Gran Brittanja kellha l-*vires* li testendi l-applikazzjoni tal-mandat ta' l-estradizzjoni għall-Gran Brittanja, dominji, il-protettorati u t-territorji mandati. Imkien it-trattat ma kien jagħti l-*vires* lill-Gran Brittanja li t-trattat jiġi estiż għall-*Crown Colonies*, f'liema kategorija kienet taqa' Malta;

Illi għalhekk, l-estensjoni tat-trattat ta' l-estradizzjoni għal Malta kienet manifestament *ultra vires* u għalhekk nulla u bla effett;

Illi billi l-estradizzjoni, biex ma tkunx vjolazzjoni tad-dritt fondamentali protett mill-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, tippresupponi bħala pre-rekwiżit indispensabbli l-eżistenza ta' trattat validament applikabbli għal Malta u dan ma jeżistix, l-estradizzjoni ta' l-esponent tkun bi ksur tad-dritt fondamentali protett mill-istess artikolu 43 tal-Kostituzzjoni;

Illi, bla preġudizzju għall-premess, skond l-istess artikolu 43, l-estradizzjoni trid issir fir-rispett ta' l-arranġamenti li asru fit-trattat;

Illi l-artikolu 5 ta' l-istess Trattat jistabbilixi illi: "*The extradition **shall not take place** if, subsequently to the commission of the crime or the institution of the penal prosecution or the conviction thereon, exemption from persecution or punishment has been acquired **by lapse of time**, according to the laws of the High contracting Party applying, or applied for (recte: to)*";

Illi dan ifisser li biex estradizzjoni ma tkunx in vjolazzjoni ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, (li jirrikjedi li l-estradizzjoni ssir fir-rispett sħiħ tat-trattat) ir-reati kkontestati ma jridux ikunu preskritti skond il-liġi ta' Malta;

Illi l-preskrizzjoni għar-reati kkontestati lill-esponent (artikoli 293, 294 u 308 tal-Kodiċi Kriminali) hija ta' ħames snin (artikolu 688 (d) Kodiċi Kriminali);

Illi l-fatti kkontestati jirrisalu għal Lulju 1991, mentri l-proċeduri kontra l-esponent bdew fit-18 ta' Frar, 1997. Għalhekk ir-reati huma preskritti u l-estradizzjoni ta' l-esponent tkun tivvjola l-garanzija ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni li tirrikjedi illi l-estradizzjoni ssir skond l-arranġamenti ta' trattat internazzjonali, liema trattat jivvjeta l-estradizzjoni ta' persuna jekk ir-reat ikun preskritt skond il-liġi ta' Malta;

Premess dan kollu, ir-rikorrent talab umilment illi din il-Qorti jogħġobha tagħtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa, biex twettaq id-drittijiet fondamentali fuq imsemija, fosthom li tiddikjara n-Notifikazzjoni tal-Gvern (*Order in Council*) Nru. 403 ta' l-1935

hija *ultra vires* l-*enabling treaty* u li konsegwentement l-estradizzjoni ta' l-esponent tikser l-artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni, jew alternattivament, li l-estradizzjoni tikser l-istess artikolu 43 (1) stante li t-trattat ta' estradizzjoni jivvjeta l-estradizzjoni meta r-reati jkunu preskritti skond il-liġi ta' Malta, u r-reati addebitati lill-esponent huma hekk preskritti u li tagħti dawk ir-rimedji l-oħrajn kollha li jidhrilha xierqa għall-każ; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati, ippreżentata fis-7 ta' Lulju, 1997, li biha huma eċċepew:

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fi proċeduri ta' estradizzjoni ma tawtorizzax l-estradizzjoni iżda wara li tara jekk hemmx xi ostakoli għall-estradizzjoni skond l-Att dwar l-Estradizzjoni tirrimanda lill-persuna kkonċernata "taħt kustodja għal fini tat-treġġigħ lura tagħha" taħt l-Att imsemmi (artikolu 15 (3) ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni). Huwa biss il-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja li jawtorizza jew le t-treġġigħ lura u mhux il-Qorti;

Illi in kwantu għall-ilment tar-rikorrent, dwar l-applikabilita' o meno għal Malta tat-trattat bejn il-Gran Brittanja u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-esponenti jirrileva li din l-Onorabbli Qorti m'għandha ebda kompetenza biex tiddeċidi jekk in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 403 ta' l-1935 hijiex *ultra vires* l-*enabling treaty* kif mitlub mir-rikorrent u għalhekk din l-Onorabbli Qorti m'għandha ebda kompetenza tiddikjara vjolazzjoni ta' l-artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni fuq il-premessa li l-istess Notifikazzjoni tal-Gvern jew l-estensjoni tat-trattat għal Malta hi nulla;

Illi inoltre, anke kieku din l-Onorabbli Qorti kellha l-

kompetenza tiegħu konjizzjoni ta' l-allegata nullita`, li m'għanhiex, ir-rikorrent kellu l-okkażjoni *kollha li jissolleva* l-allegata nullita` u inapplikabilita` tat-trattat in kwistjoni fil-proċeduri ta' estradizzjoni kemm quddiem il-Qorti Istratuttorja bħala Qorti rimandanti kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ir-rikorrent, iżda, f'dawk il-proċeduri baqa' passiv f'dan ir-rigward u anqas għamel l-iċken aċċenn għal dan il-lament u għalhekk għat-tenur tal-*proviso* tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 din l-Onorabbi Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha in kwantu l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda din il-materja;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u salvi sottomissjonijiet oħra fir-rigward, f'dan l-istadju bizzejjed jiġi rrilevat li għall-applikabilita` tat-trattat in kwistjoni għal Malta biżżejjed issir referenza għall-artikolu 2 tat-trattat li jipprovdi li għall-finijiet tat-trattat it-territorju tal-Maesta` Tiegħu għandu jitqies li jinkludi "*all parts of His Britannic Majesty's dominions overseas*" salv dawk eċċettwati. Malta mhix waħda mid-dominji li kienu eċċettwati u għalhekk għall-finijiet tat-trattat titqies bħala parti mit-territorju kopert bit-trattat. It-trattat kien għalhekk mill-ewwel applikabbli għal Malta u ma kien hemm ebda ħtieġa ta' xi estensjoni. Difatti, fl-istess Notifikazzjoni tal-Gvern jingħad "and *whereas His Majesty has ratified the said Treaty in respect of, and the said Treaty thereby extends to, the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland ... and all British Colonies ...*". L-*Order in Council*, kif anke jidher evidenti mit-termini tiegħu, ma kinitx meħtieġa biex it-trattat jiġi estiż għall-kolonji inkluża Malta iżda kienet meħtieġa biss biex l-*Extradition Acts 1870 to 1932* jiġu estiżi għar-relazzjonijiet ta' bejn ir-Renju Unit u l-Kolonji u l-Istati Uniti in vista li t-trattat kien ġa` applikabbli mit-termini tiegħu stess;

Illi in kwantu r-rikors jilmenta li r-reati in kwistjoni huma preskritti, għandu jiġi rrilevat li, apparti li fil-proċeduri ta' estradizzjoni l-Qorti Istruttorja bħala Qorti rimandanti kienet korettement iddeċidiet li r-reati in kwistjoni ma kinux preskritti, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti li tiddeċidi jekk l-istess reati kriminali humiex preskritti o meno. Il-kompetenza tagħha taħt l-artikolu 43 (1) hi limitata filli tikkonstata jekk hemmx trattat u jekk hemmx liġi li tirregola l-estradizzjoni. Spetta mbagħad għall-awtoritajiet indikati f'dik il-liġi li jiddeterminaw jekk it-talba għall-estradizzjoni tikkonformax mat-trattat jew le; salv sottomissjonijiet ulterjuri;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-8 ta' Lulju, 1997, 15 ta' Lulju, 1997 u 25 ta' Lulju, 1997; rat l-atti kollha relevanti, inklużi l-atti tal-proċeduri ta' l-estradizzjoni kif ukoll in-Notifikazzjoni tal-Gvern 403/35; ikkunsidrat:

Bażikament ir-rikorrent qed jikkontendi li ma hemmx trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Biex wasal għal din il-konklużjoni ir-rikorrent jgħid li l-*Order in Council* tal-Maesta` Tiegħu r-Re Ġorġ V tas-6 ta' Ġunju, 1935 (*United States of America (Extradition) Order in Council, 1935*, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta *for general information*, permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 403 ta' dik l-istess sena) li permezz tiegħu "it-trattat ġie reż applikabbli għal Malta" huwa *ultra vires* peress li f'dak it-trattat il-partijiet - il-Gran Brittanja u l-Istati Uniti - kienu kkuntrattaw li t-trattat japplika għal territorji li ma kinux jinkludu l-*Crown Colonies*, bħalma kienet Malta. Għal dan l-intimati wieġbu hekk; (i) li din il-Qorti mhix kompetenti li tiddikjara n-Notifikazzjoni tal-Gvern (jew l-*Order in Council*) *ultra vires* l-*enabling treaty*; (ii) li r-rikorrent kellu kull opportunita` jqajjem l-

allegata nullita` quddiem il-Qorti Rimandanti u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u peress li m'għamel xejn minn dan, din il-Qorti ġiet mistiedna tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha; (iii) li l-*Order in Council* ma estendiex it-trattat għal Malta kif qed jippretendi r-rikorrent; u (iv) li fi kwalunkwe każ il-kliem tat-trattat huma ċari u li dak it-trattat kien kjarament japplika għall-kolonji, inkluża għalhekk Malta;

Il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li qabel xejn jiġu kkjariti ċerti kunċetti u punti legali li jidher li kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati qed ipoġġuhom b'mod ftit konfuż u għaldaqstant ineżatt;

Sal-bidu fis-seħħ ta' l-*Extradition Act, 1989*, il-liġi ta' l-estradizzjoni bejn ir-Renju Unit u pajjiżi oħra mhux membri tal-*Commonwealth*, kienet irregolata b'serje ta' liġijiet (*statutes*) li l-aktar importanti fosthom kienu l-hekk imsejħa *Extradition Acts, 1870 to 1932* (in segwitu dawn saru jissejħu kollettivament *Extradition Acts 1870 to 1935* permezz tal-*Counterfeit Currency (Convention) Act, 1935*; ara Hartley Booth, V.E., ***British Extradition Law and Procedure*** (Sijthoff & Noordhoff, Alphen aan den Rijn), 1980, Vol. I, p. 4). Dawn il-liġijiet kienu jipprovdu, fost affarijiet oħra, li estradizzjoni għal pajjiż barrani ma tistax isseħħ ħlief jekk ikun hemm trattat ta' estradizzjoni jew trattat ieħor simili fis-seħħ bejn ir-Renju Unit u dak il-pajjiż barrani. F'dawn il-liġijiet l-aktar disposizzjoni relevanti għall-kawża odjerna hi l-artikolu 2 ta' l-*Extradition Act, 1870*. Din id-disposizzjoni kienet tipprovdi hekk:

"*Where an arrangement has been made with any foreign state with respect to the surrender to such state of any fugitive criminals, Her Majesty may, by Order in Council, direct that this Act shall*

*apply in the case of such foreign state.*

*Her Majesty may, by the same or any subsequent order, limit the operation of the order, and restrict the same to fugitive criminals who are in or suspected of being in the part of Her Majesty's dominions specified in the order, and render the operatien thereof subject to such conditions, exceptions, and qualifications as may be deemed expedient.*

*Every such order shall recite or embody the terms of the arrangement and shall not remain in force for any longer period than the arrangement.*

*Every such order shall be laid before both Houses of Parliament within six weeks after it is made, or, if Parliament be not then sitting, within six weeks after the then next meeting of Parliament, and shall also be published in the London Gazette.* (ara *Halsbury's Statutes, 4th ed.*, Vol. 17, p. 480);

Huwa evidenti mid-diċitura ta' l-*Order in Council* tas-6 ta' Ġunju, 1935 li dan l-ordni kien intiż sabiex l-*Extradition Acts* sa dak iż-żmien fis-seħħ (1870 to 1932) jkunu japplikaw fil-konfront ta' dak l-istat barrani, u mhux sabiex jestendi t-trattat għal Malta. It-trattat kien, se mai, japplika għal Malta in virtu` ta' l-istess liġi penali imperjali u tat-termini tat-trattat. Infatti, l-artikolu 17 ta' l-*Extradition Act, 1870* kien jipprovdi li:

*"This Act, when applied by Order in Council, shall, unless it is otherwise provided by such order, extend to every British possession in the same manner as if throughout this Act the British possession were substituted for the United Kingdom or England,*

*as the case may require ...*" (***Halsbury's Statutes, op. cit.***, p. 492);

U l-artikolu 26 kien jiddefinixxi l-espressjoni "*British possession*" bħala:

"*... any colony, plantation, island, territory or settlement within Her Majesty's dominions, and not within the United Kingdom, the Channel Islands, and the Isle of Man; and all colonies, plantations, islands, territories and settlements under one legislature ... are deemed to be one British possession*" (p. 496);

Dan il-punt, u ċjoe` li l-*Order in Council* ma estendiex l-applikazzjoni tat-trattat għal Malta jidher li ġie konċess anke mill-istess rikorrent fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tat-8 ta' Lulju, 1997. Ir-rikorrent, iżda, baqa' jsostni li t-termini tat-trattat ma kinux japplikaw għal Malta;

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina t-termini tat-trattat, ser tiddisponi mill-argument ta' l-intimati fis-sens li r-rikorrent kellu kellu kull opportunita` li jqajjem in-nullita` ta' l-*Order in Council* jew l-inapplikabilita` tat-trattat kemm quddiem il-Qorti Rimandanti kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u li għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Kemm il-Qorti Rimandanti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandhom, fis-sistema legali tagħna, kompetenza limitata skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 276. Għalkemm it-tnejn huma msejħa biex jeżaminaw, fost ħwejjeġ oħra, li r-reat li dwaru l-"awtorita` għal proċediment" tirriferixxi huwa reat ta' estradizzjoni (ara l-artikoli 15 (3), (5) u (8) tal-Kap. 276), l-applikabilita` o meno tat-trattat jew arranġament ta' estradizzjoni li jkun qed jiġi nvokat bħala bażi għal dik l-estradizzjoni partikolari

tinvolvi kwistjonijiet ta' dritt kostituzjonali u ta' dritt internazzjonali li kjarament jesorbitaw mill-kompetenza ta' l-imsemmija żewġ qrati; u dan kemm jekk it-trattat jew arranġament ikun inkorproat f'ordni magħmul mill-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 276, kif ukoll jekk, bħal fil-każ odjern, ikun inkorporat f'*Order in Council* u jkun qed jiġi allegat li dak it-trattat hu applikabbli għal Malta in virtu` ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 276 u l-iskambju ta' ittri bejn il-Gvern Malti u dak tar-Renju Unit tal-31 ta' Diċembru, 1964 (l-hekk imsejjaħ *inheritance agreement* - ara *Malta Treaty Series No. 5*);

Din tidher li hi ukoll il-posizzjoni fl-Ingilterra. Michael Forde, fil-ktieb tiegħu *The Law of Extradition in the United Kingdom* (Round Hall Press, Portland), 1995, jgħid hekk:

"*Where extradition is not allowed under the terms of the relevant treaty, embodied in the Order in Council, this issue may not be raised at the committal stage. As Lord Ackner observed in (**R. vs Governor of Pentonville Prison**, ex. p. Sinclair (1991) 2 AC 64, at p. 91) he could "not accept that the legislature intended that it was to be part of the function of the police magistrate to preside over lengthy proceedings occupying weeks, and on occasions months, of his time hearing heavily contested evidence of foreign law directed to whether there had been compliance with the many and varied obligations of the relevant treaty. (H)is powers (are) limited to those specified in the sections (of the relevant Act)". But the prisoner would be entitled to raise those matters in an application for judicial review, seeking to prevent the hearing from taking place, until the treaty point has ben resolved*" (p. 74);

Fil-każ odjern ir-rikorrent qed jikkontendi li t-trattat in

kwistjoni - bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti u li jġib id-data tat-22 ta' Diċembru, 1931 - ma kien qatt applikabbli għal Malta u li konsegwentement ġie vvjolat, jew qed jiġi vvjolat, jew x'aktarx ser jiġi vvjolat l-artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu. Anke li kieku ma kienx hemm il-konsegwenza ta' ksur ta' dritt fondamentali li minnu qed jilmenta r-rikorrent, il-kwistjoni, kif ġa' ingħad, kienet tesorbita mill-kompetenza tal-Qorti Rimandanti u tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Għalhekk din il-Qorti qed tirrespinġi l-oġġezzjoni ta' l-intimati u ser teżerċita s-setgħat tagħha skond l-artikolu 46 (1) (2) tal-Kostituzzjoni;

Ir-rikorrent jikkontendi li t-trattat ma japplikax għal Malta għax meta l-kontraenti ġew biex jistipulaw it-territorju jew territorji li għalih jew għalihom it-trattat kien japplika, huma eskludew il-kolonji Ingliżi jew, kif sejħilhom ripetutament Dott. Giovanni Bonello fil-kors tat-trattazzjoni tiegħu *Crown Colonies*, f'liema kategorija kienet taqa' Malta. Dan l-argument tar-rikorrent hu bbażat fuq il-kliem użati fl-artikoli 2, 14, 16 u 17 tat-trattat u speċjalment fuq il-kliem *"His Brittanic Majesty's dominions overseas"*. Għandu jiġi osservat mill-ewwel li l-espressjoni *Crown Colonies* m'għandha, fid-dritt kostituzzjonali Ingliż, ebda sinifikat differenti mill-kelma *colony* jew mill-kliem *British colony*. Kif imfisser f'***Halsbury's Laws of England*** *4th ed.*, Vol. 6, para. 805;

*"The term "Crown colony" is not a legal term of art; sometimes it is used to mean a colony in which the Crown's prerogative authority is unimpaired, sometimes a colony which does not have responsible government, sometimes a colony which does not have representative government, and sometimes it has been used to distinguish territory within Her Majesty's dominions from a protectorate (especially when contiguous and jointly subject to the*

*same administration)*;

L-artikolu 2 tat-trattat jgħid hekk (fil-parti relevanti tiegħu għal dan il-każ):

*"For the purposes of the present Treaty the territory of His Britannic Majesty shall be deemed to be Great Britain and Northern Ireland, the Channel Islands and the Isle of Man, and all parts of His Britannic Majesty's dominions overseas other than those enumerated in article 14, together with the territories enumerated in article 16 and any territories to which it may be extended under article 17 ..."*;

L-artikolu 14:

*"His Majesty may accede to the present Treaty on behalf of any of his Dominions hereafter named - that is to say, the Dominion of Canada, the Commonwealth of Australia (including for this purpose Papua and Norfolk Island), the Dominion of New Zealand, the Union of South Africa, the Irish Free State and Newfoundland - and India ..."*;

L-artikolu 16:

*"This Treaty shall apply in the same manner as if they were Possessions of His Britannic Majesty to the following British Protectorates, that is to say, the Bechuanaland Protectorate, Gambia Protectorate, Kenya Protectorate, Nigeria Protectorate, Northern Rhodesia, Northern Territories of the Gold Coast, Nyasaland, Sierra Leone Protectorate, Solomon Islands Protectorate, Somaliland Protectorate, Swaziland, Uganda Protectorate and Zanzibar, and to*

*the following territories in respect of which a mandate on behalf of the League of Nations has been accepted by His Britannic Majesty, that is to say Cameroons under British mandate, Togoland under British mandate, and the Tanganyka Territory*";

U l-artikolu 17:

"*If after the signature of the present Treaty it is considered advisable to extend its provisions to any British Protectorates other than those mentioned in the preceding article or to any British-protected State, or to any territory in respect of which a mandate on behalf of the League of Nations has been accepted by His Britannic Majesty, other than those mandated territories mentioned in articles 14 and 16, the stipulations of articles 14 and 15 shall be deemed to apply to such Protectorates or States or mandated territories from the date and in the same manner prescribed in the notes to be exchanged for the purpose of effecting such extension*";

A bażi ta' dawn l-artikoli r-rikorrent jikkontendi li peress li mkien ma jissemmew il-kolonji, dan it-trattat qatt ma kien intiż li japplika għal dawn il-kolonji (inkluża Malta). Fit-trattazzjoni tiegħu Dott. Bonello ssottometta li l-kelma "*dominions*" fl-espressjoni "*His Britannic Majesty's dominions overseas*" fl-artikolu 2 kienet tirreferi għal dawk il-postijiet li kellhom "*dominion status*" - is-sitt "*Dominions*" skond l-artikolu 1 ta' l-*iStatute of Westminster*, 1931 - u għalhekk ad esklużjoni tal-kolonji;

Din l-interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, għalkemm apparentement inġenjuża, hija żbaljata. Kif jispjega l-awtur Hartley Booth, ġa' ċitat, it-trattati ta' estradizzjoni bejn ir-Renju Unit u pajjiżi barranin ivarjaw ħafna fil-mod kif jiddeskrivu t-territorju li għalih

japplikaw jew, biex wieħed ikun aktar preċiż, it-territorju li fih persuna (*"fugitive criminal/fugitive offender"*) trid tinstab biex tkun tista' tiġi estradita (*op. cit.* Vol. 1, p. 10). Dan jirriżulta ukoll minn eżami tad-diversi trattati riprodotti fl-intier tagħhom fit-tieni volum tal-ktieb tiegħu. Hekk, per eżempju, wieħed isib li fit-trattati magħmula fis-seklu li għadda u fil-bidu ta' dan is-seklu, il-formola ġeneralmet użata, għal dak li jirrigwarda t-territorji Britanniċi, kienet is-segwenti: *"The stipulations of the present Treaty shall be applicable to the Colonies and foreign possessions of Her (His) Britannic Majesty..."* (eż. trattat ma' l-Arġentina, 1889; Ċili', 1898; Kuba, 1905; Greċja, 1910; Ungerija, 1874; Siam, 1911; Serbia, 1901). Aktar tard fil-bidu ta' dan is-seklu u man mano li bdew jiżviluppaw is-sitt *'self-governing Dominions"* (għall-iżvilupp kostituzzjonali ta' dawn is-sitt kolonji, ara Hood Philipps, O., ***Constitutional and Administrative Law*** (Sweet & Maxwell, London), 1962, pp. 764-789), insibu formola oħra adoperata;

*"The stipulations of the present Treaty shall be applicable, so far as the laws permit, to all His Britannic Majesty's Dominions, except to the self-governing Dominions hereinafter named - that is to say, the Dominion of Canada, the Commonwealth of Australia (including for this purpose Papua and Norfolk Island), the Dominion of New Zealand, the Union of South Africa, the Irish Free State and Newfoundland - and India ...* (eż., trattat ma' l-Albanija, 1927; Ċekoslovakja, 1926);

Il-formola adoperata fl-artikoli 2, 14, 16 u 17 tat-trattat ta' l-1931 bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, wieħed isibha ukoll fit-trattat ta' l-1933 bejn ir-Renju Unit u l-Iraq (l-artikoli korrispondenti f'dan it-trattat huma t-2, 18, 20 u 21) u fit-trattat ta' l-1934 mal-Polonja (artikoli korrispondenti 2, 19, 21 u 22);

Hu evidenti fil-fehma ta' din il-Qorti li meta dawn it-trattati ġew redatti, ċerti espressjonijiet jew formoli użati b'referenza għat-territorji li għalihom kien b'xi mod responsabbli l-gvern Ingliż kellhom sinifikat partikolari ċertament għal waħda mill-partijiet kontraenti, ċjoe` għar-Renju Unit. Din il-Qorti, fin-nuqqas ta' imqar xi indikazzjoni kuntrarja, ma għandha ebda raġuni taħseb li meta r-Renju Unit u l-Istati Uniti ffirmaw it-trattat in diżamina huma riedu jagħtu lill-espressjoni "*His Britannic Majesty's dominions overseas*" xi sinifikat ieħor għajr dak komunement u ordinarjament aċċettat fid-dritt kostituzzjonali Ingliż, u ċjoe` tat-territorji kollha taħt is-sovranita` tal-Kuruna barra, ossia lil hinn, mill-Gżejjer Brittanniċi (ara, Hood Phillips, O., *op. cit.* pp. 701 u 706). Kif imfisser f'***Halsbury's Laws of England*** *4th ed.*, Vol. 6, para. 803:

"*The term "Her Majesty's dominions" signifies the territories under the sovereignty of the Crown. Used strictly, and in the absence of special statutory definition, the term does not include protectorates or, a fortiori, protected states ... But it is not to be assumed that protectorates are in all senses and for all purposes outside Her Majesty's dominions, for the nature of the Crown's power and jurisdiction as actually exercised in a protectorate may be such that it is indistinguishable in legal effect from the sovereignty of the Crown in a colony (the completeness of the Crown's effective legal jurisdiction being guaranteed by the jurisdictional rule that the actions of the Crown in extending its jurisdiction in the protectorate are acts of state), and this power and jurisdiction may thus attract such prerogative incidents as the power of the Queen's Bench to issue a writ of habeas corpus in the territory in question, or the power of the Crown to grant a franchise of pontage ...*";

Minn dan isegwi li l-espresjoni '*His Britannic's Majesty's*

*dominions overseas*" fl-artikolu 2 tat-trattat ma tirreferix biss għas-sitt *self-governing Dominions* - anzi dawn, flimkien ma' l-Indja, huma espressament esklużi. Infatti, li kieku wieħed kellu jinterpreta din l-espressjoni kif qed jipprova jinterpretaha r-rikorrent ikun ifisser li, għal xi raġuni inspjegabbli, il-kontraenti riedu jinkludu l-parti l-kbira ta' dawk it-territorji li kienu barra mis-sovranita' sħiħa tal-Kuruna - il-protettorati u l-*mandated territories* - u jeskludu t-territorji kollha lil hinn mill-Gżejjer Britanniċi li kienu taħt is-sovranita' sħiħa tal-Kuruna. Meta wieħed iqis li min-naħa tar-Renju Unit dan it-trattat ġie ffirmat bil-ħsieb li għalih ikun japplika eventwalment l-*Extradition Act, 1870* - bl-espressjonijiet użati u d-definizzjonijiet mogħtija f'dik il-liġi - l-interpretazzjoni tar-rikorrent, apparti li tmur kontra l-kliem ċar tat-trattat, sempliċement ma tagħmilx sens. Anqas ma jirriżulta, per eżempju, li meta sar l-*Order in Council* tas-6 ta' Ġunju, 1935, saru xi rappreżentazzjonijiet mill-Gvern ta' l-Istati Uniti għax dak l-ordni ma kienx jirrispekkja l-ħsieb tal-kontraenti; għalhekk wieħed għandu jifhem li dak l-ordni kien jirrispekkja fedelment il-ħsieb tal-kontraenti anke f'dik il-parti fejn jingħad li "*the said Treaty thereby extends to ... all British Colonies*". Fl-aħħarnett, anke awturi li kitbu dwar l-estradizzjoni mill-aspett ta' dritt internazzjonali jidher li jirrikonoxxu bla tlaqliq l-eżistenza tat-trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti u dan in virtu' ta' l-*inheritance agreement* bejn l-istat il-ġdid (f'dan il-każ Malta) u dak li kien il-gvern kolonjali (ara, Shearer, I.A., *Extradition in International Law* (Manchester U.P.), 1971, pp. 40 u 48);

Għalhekk l-ewwel ilment tar-rikorrent ser jiġi respint peress li t-trattat in diżamina kien applikabbli għal Malta. Il-Qorti tosserva li anke li kieku kellha tapplika r-regoli ta' interpretazzjoni kkontenuti fil-paragrafi (1) u (4) ta' l-artikolu 31 tal-*Vienna Convention on the*

*Law of Treaties* (konvenzjoni li pero', strettament ma tapplikax għal dan it-trattat - ara l-artikolu 4 ta' l-istess konvenzjoni) kienet neċessarjament tasal għall-istess konklużjoni;

Ir-rikorrent jikkontendi li jekk jiġi estradit - u diġa' hemm deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li bagħtitu taħt kustodja biex jistenna l-estradizzjoni tiegħu - jinkiser id-dritt fondamentali tiegħu peress li tali estradizzjoni ma tkunx saret "in esekuzzjoni ta' arranġamenti magħmula bi trattat". Ir-rikorrent qed jibbaża l-argument tiegħu fuq l-artikolu 5 tat-trattat li jgħid:

*"The extradition shall not take place if, subsequently to the commission of the crime or offence or the institution of the penal prosecution or the conviction thereon, exemption from prosecution or punishment has been acquired by lapse of time, according to the laws of the High Contracting Party applying or applied to"*;

Hu jikkontendi li l-preskrizzjoni għar-reati skond il-liġi ta' Malta li jikkorrispondu għar-reati li għalihom qed jintalab mill-Istati Uniti hi ta' ħames snin u li dan il-perijodu ddekorra skond il-liġi ta' Malta. L-intimati, min-naħa tagħhom, jgħidu li: (i) il-preskrizzjoni ma ddekorritx skond il-liġi tagħna u (ii) li din il-Qorti mhix kompetenti li tiddeċidi dwar il-preskrizzjoni ta' dawn ir-reati għax il-kompetenza ta' din il-Qorti hi limitata "filli tikkonstata jekk hemmx trattat u jekk hemmx liġi li tirregola l-estradizzjoni"; spetta mbagħad għall-awtorita' kompetenti skond dik il-liġi li tiddeċidi dwar il-preskrizzjoni;

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan it-tieni argument ta' l-intimati. Fil-fehma tal-Qorti, bl-inkorporazzjoni tat-trattat fl-*Order in Council* tas-6 ta' Ġunju, 1935, id-disposizzjonijiet tat-trattat saru

parti mil-liġi domestika (ara f'dan is-sens ukoll, Forde, M., *op. cit.*, p. 141). Issa, jekk huwa *korrett* dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Ġunju, 1997, u ċjoe' li l-preskrizzjoni m'għandhiex tiġi deċiża la mill-Qorti Rimandanti u lanqas mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, iżda hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Ministru, dan ifisser li l-Ministru jista' jagħżel li jinjora parti mil-liġi domestika u jawtorizza l-estradizzjoni anke bi ksur ta' l-artikolu 5 tat-trattat. Skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 276 il-Ministru "jista' jirrifjuta", mhux "għandu jirrifjuta", li jordna l-estradizzjoni f'każ ta' preskrizzjoni. La mit-trattat u anqas mill-*Order in Council* ma jirriżulta li d-deċiżjoni dwar l-applikabilita` ta' l-artikolu 5 ġiet riservata b'xi mod lill-Esekuttiv (artikolu 11 (1), Kap. 276); u għalhekk, ġaladarba la l-Qorti Rimandanti u anqas il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma jidher li għandhom is-setgħa li jaraw li dana l-artikolu jiġi applikat, din il-Qorti hi ċertament kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dana l-artikolu meta qed jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali minħabba l-inosservanza tiegħu;

Il-preskrizzjoni (estintiva) fil-kamp penali hi intiża sabiex, u għandha l-effett li, toqtol l-azzjoni kriminali minħabba t-trapass taż-żmien. Ir-*raison d'etre* ta' l-istitut tal-preskrizzjoni fil-liġi tagħna hu li l-inattivita` ta' l-istat (jew, fil-każijiet fejn id-dritt ta' azzjoni jispetta lill-parti leża, l-*inattivita` tal-parti* leża) quddiem reat li l-awtur preżunt tiegħu jkun magħruf ikun ifisser li ma għadx baqa' skop soċjali għall-prosekuzzjoni ta' l-imsemmi preżunt awtur;

Fil-każ in eżami r-rikorrent jgħid li l-perijodu ta' preskrizzjoni skond il-liġi Maltija għar-reati in kwistjoni hu ta' ħames snin (artikolu 688 (d), Kap. 9). Jirriżulta mill-atti tal-proċeduri għall-estradizzjoni li r-reati in kwistjoni allegatament seħħew bejn Lulju

u l-aħħar ta' Settembru/bidu ta' *Ottubru* ta' l-1991. Jirriżulta ukoll li fis-27 ta' Frar, 1992 inħareġ att ta' akkuża u mandat ta' arrest (ara l-kopji legalizzati tagħhom fl-atti tal-proċeduri ta' l-estradizzjoni) kontra r-rikorrent u riferibbilment għal dawn ir-reati. Ir-rikorrent, iżda kien sadanittant laħaq telaq mill-Istati Uniti (skond l-affidavit ta' Angela Melton, oħt ir-rikorrent, hi kienet saret taf li r-rikorrent kien ħarab lejn Malta "*taking the gold coins delivered to him by the Trotters. My brother had told me that he plans to remain in Malta and will not return to the United States to face the charges against him*"). Fit-3 ta' Frar, 1997 ħareġ mandat ieħor ta' arrest, din id-darba mill-Maġistrat Dott. Giovanni Grixti, kontra l-istess rikorrent u dejjem riferibbilment għar-reati in kwistjoni; dan il-mandat ħareġ skond l-artikolu 14 (1) (a) tal-Kap. 276, ċjoe' fuq l-awtorita' għall-proċediment tal-Ministru, liema awtorita' ħarġet wara talba għall-estradizzjoni mill-awtorita' kompetenti ta' l-Istati Uniti. Dan it-tieni mandat, a differenza ta' l-ewwel wieħed, gie esegwit fit-18 ta' Frar, 1997;

Skond l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali tagħna "iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi nnotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat". L-istess artikolu, fit-tieni inċiż tiegħu, ikompli hekk:

"Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat ta' l-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat ta' l-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta";

Dawn iż-żewġ disposizzjonijiet huma intiżi sabiex jissalvagwardaw id-dritt ta' min għandu s-setgħa li jipproċedi meta dan ikun wera li jrid jipproċedi, sia jekk il-persuna li kontriha wieħed

ikun irid jipproċedi tkun tista' tinstab u tiġi nnotifikata, u sia jekk din ma tkunx tista' tinstab minħabba xi ħaġa li tkun għamlet hija stess. Fil-fehma ta' din il-Qorti, b'applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi Maltija għall-proċeduri penali in kwistjoni - proċeduri penali li jridu talvolta jsiru fl-Istati Uniti u fejn id-dritt ta' azzjoni jispetta *lill-awtorita' kompetenti ta' dak il-pajjiż* - il-preskrizzjoni ta' ħames snin skond il-liġi Maltija ġiet interrotta darbtejn: l-ewwel darba bil-mandat ta' arrest tas-27 ta' Frar, 1992 li baqa' bla effett peress li r-rikorrent kien telaq mill-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Uniti, u t-tieni darba bil-mandat ta' arrest tat-3 ta' Frar, 1997 (esegwit fit-18 ta' Frar) u li *nħareġ* b'riżultat tal-passi li ttieħdu mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż;

Fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli difensur tar-rikorrent, Dott. Emanuel Mallia ssottometta li l-ewwel mandat ta' arrest ma kienx jinterrompi l-preskrizzjoni skond il-liġi Maltija u dan bażikament għal żewġ raġunijiet: (i) li dak il-mandat ma ħariġx konformament mal-proċedura Maltija; u (ii) li ġaladarba ħareġ wara li r-rikorrent kien telaq mill-Istati Uniti, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 693 ma kienx japplika (ara ukoll paġni 5 sa 8 tar-rikors ta' appell tar-rikorrent quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali). Dwar l-ewwel oġġezzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li, fin-nuqqas ta' xi indikazzjoni li dak il-mandat ma ħariġx skond ir-rit tal-pajjiż esteru ossia li ħareġ in vjolazzjoni tal-liġi proċedurali ta' dak il-pajjiż, l-istess mandat hu preżunt li hu validu skond il-liġi ta' dak il-pajjiż. Mhuwiex meħtieġ li dak il-mandat ikun jikkonforma ruħu mal-modalitajiet proċedurali kollha tal-liġi Maltija; huwa biżżejjed li jkun sostanzjalment wieħed mill-atti li skond il-liġi tagħna jitterrompu l-preskrizzjoni kif ukoll li l-persuna li kontriha jkun indirizzat u r-reat ipotizzat ikunu ċari. Il-ħruġ ta' dak il-mandat jimmanifesta l-intenzjoni ta' min għandu d-dritt ta' azzjoni li jipproċedi kontra l-preżunt awtur tar-reati, li

huwa proprju dak li jrid is-subartikolu (2) *ta'* l-artikolu 693 tal-Kap. 9. Kwantu għat-tieni oġġezzjoni, imkien fl-imsemmi subartikolu (2) mhu meħtieġ li l-mandat ta' arrest jew iċ-ċitazzjoni jinħarġu qabel ma l-persuna tinħeba jew toħroġ mill-ġurisdizzjoni. Anzi, safejn taf din il-Qorti, hija prassi regolari fil-Qrati Inferjuri, fil-kompetenza *tagħhom kriminali, li ċitazzjoni* tinħareġ wara li persuna tkun telqet minn Malta proprju biex tiġi interrotta l-preskrizzjoni (li ħafna drabi quddiem dawk il-qrati hija waħda ferm qasira - tliet xhur jew sentejn);

Ġaladarba l-preskrizzjoni ġiet debitament interrotta permezz ta' l-imsemmija mandati u għall-finijiet tal-liġi tagħna, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol biex teżamina l-kwistjoni tar-reat kontinwat prospettata mill-intimati;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż għandhom ikunu ssopportati kwantu għal nofs mir-rikorrnet u r-rimanenti nofs mill-intimati solidalment bejniethom";

Minn dik is-sentenza appella r-rikorrent Satariano permezz ta' rikors ta' appell ippreżentat fl-14 ta' Awissu, 1997, li għalih l-appellati ppreżentaw ir-risposti tagħhom;

L-appellant jindirizza l-aggravji tiegħu fuq żewġ binarji, l-ewwel wieħed rigwardanti l-eżistenza o meno ta' trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u t-tieni wieħed rigwardanti l-aspett tal-preskrizzjoni kif ittrattat fid-diversi proċeduri li ppreċedew lil dan l-appell;

Din il-Qorti ser tibda l-ewwel bl-aggravji rigwardanti l-

eżistenza o meno ta' trattat ta' estradizzjoni bejn iż-żewġ Stati msemmija. Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant in sostenn ta' dan l-aggravju huma s-segwenti:

Dik il-garanzija kostituzzjonali tippresupponi, biex estradizzjoni ma tkunx ksur tad-drittijiet fondamentali, li din issir skond l-arranġamenti stipulati fi trattat internazzjonali;

Dan ifisser li jridu jkunu sodisfatti żewġ esiġenzi: (a) irid jeżisti trattat internazzjonali bejn Malta u l-pajjiż li qed jitlob l-estradizzjoni; u (b) l-istipulazzjonijiet ta' dan it-trattat iridu jiġu osservati;

L-esponent jissottometti li: (a) ma jeżistix trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti ta' l-Amerika; u (b) anke kieku jeżisti l-estradizzjoni hija bi ksur ta' l-istipulazzjoni li ebda estradizzjoni ma hija permissibbli meta r-reat ikun preskritt skond il-liġi Maltija;

Dwar l-eżistenza ta' trattat, l-appellant jissottometti li filwaqt li l-intimati jasserixxu li jeżisti trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti, u ċjoe' dak iffirmat fit-22 ta' Diċembru, 1931, bejn il-Maesta' Tiegħu r-Re tal-Gran Brittanja u l-President ta' l-Istati Uniti (it-Trattat), huwa ma jaqbilx. Huwa jissottometti ukoll illi t-trattat qatt ma applika, qatt ma kien intiż li jista' 'l quddiem japplika, għal dawk it-territorji li, bħal Malta, kienu Kolonji, meta sar it-trattat;

L-eżami tad-diversi artikoli tat-trattat juri li l-Maesta' Tiegħu r-Re ttratta speċifikatament ma' l-Istati Uniti dwar id-Dominji, il-protettorati u t-territorji mandati; il-Kolonji ma kinux inklużi;

Infatti, l-artikolu 2 jistipula li t-trattat kellu japplika għall-Gran Brittanja, l-Irlanda tan-Nord, iċ-*Channel Island*, l-*Isle of Man* u dawk id-dominji li ma kinux enumerati fl-artikolu 14 u dawk it-territorji enumerati fl-artikolu 16 u dawk it-territorji li setgħu jiġu inklużi skond l-artikolu 17;

L-artikolu 14 ta lill-Gran Brittanja s-setgħa li testendi t-trattat għad-Dominju tal-Kanada, l-*Commonwealth* ta' l-Awstralja, id-Dominju ta' *New Zealand*, l-Unjoni tas-*South Africa*, l-*Irish Free State*, *New Zealand* u l-Indja;

L-artikolu 16 jirreferi għall-Protettorati u dawk it-territorji li l-Gran Brittanja kienet tamministra skond mandat tan-Nazzjonijiet Uniti;

L-artikolu 17 kien jawtorizza lill-Gran Brittanja testendi l-applikazzjoni tat-trattat għal dawk il-protettorati u territorji mandati mhux espressament imsemmija fl-artikolu 16;

Mela, dejjem skond l-appellant il-mens tat-trattat kienet li tikklassifika l-possedimenti tal-Maesta` tiegħu ir-Re u li tistabbilixxi partitament f'liema minn dawk it-territorji t-trattat kellu japplika jew seta' 'l quddiem japplika;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ssormontat l-ostakolu tan-nuqqas ta' referenza għall-kolonji billi interpretat il-frażi "*all parts of His Majesty's dominions overseas*" fl-artikolu 2 bħala frażi *all embracing* li tinkludi kull territorju taħt is-setgħa tal-Maesta` tiegħu, u għalhekk li tinkludi ukoll il-Kolonji;

L-appellant jissottometti li l-interpretazzjoni ta' l-Ewwel

Onorabbli Qorti tmur kontra l-prinċipji fondamentali ta' l-ermenewtika;

Fl-ewwel lok, huwa prinċipju elementari ta' l-interpretazzjoni li, fil-kuntest ta' l-istess strument legali, l-istess kelma tfisser l-istess ħaġa. Jekk l-istess trattat juża l-kelma "*dominion*" darbtejn, huwa kontrosens li, f'parti *dominion* tfisser ħaġa u f'parti oħra ta' l-istess trattat għandha sinifikat totalment differenti;

Issa, it-trattat juża l-kelma *dominion* fl-artikolu 2 u fl-artikolu 14. Huwa manifest illi, fl-artikolu 14 il-kelma *dominion* tirreferi għal dawk it-territorji li kienu jgawdu *Dominion Status* skond l-*Istatute of Westminster*;

Skond l-Ewwel Qorti, iżda, kelma *dominion*, fl-artikolu 2 ma tfissirx kif tfisser fl-artikolu 14, imma tfisser ġeneralment kull territorju li fuqu l-Maesta' Tiegħu r-Re kellu setgħa;

Din l-interpretazzjoni tivvjola l-prinċipju fondamentali ta' l-interpretazzjoni li fl-istess *statute*, l-istess kelma għandha tingħata l-istess sinifikat;

Fit-tieni lok, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tistultifika r-*ratio* kollu tad-*drafting* tat-trattat. Jekk fl-artikolu 2, il-kelma *dominion* kienet tfisser (kif fehmet l-Ewwel Qorti) it-territorji kollha li fuqhom ir-Re kellu setgħa, allura t-trattat kien jieqaf hemm;

Jekk ir-Re kellu d-dritt jestendi t-trattat lil kull territorju li kien jaqa' tat is-setgħa tiegħu, huwa totalment superfluwu u illoġiku li t-trattat jagħti l-*vires* lir-Re li jestendi t-trattat għal territorji li jgawdu d-*Dominion Status*, għall-*mandated territories*, għall-

*protectorates*;

Mhux biss, it-trattat jelenka l-"klassi" tat-territorju taht is-setgha tar-Re (*Dominions, Protectorates, mandated territories*), imma anke jghaddi biex isemmihom partitament, wiehed wiehed, b'isimhom. Ghaliex qatt kellu jaghmel hekk, jekk ir-Re ga` kellu l-jedd, skond l-artikolu 2, jestendi l-applikabilita` lil kull rokna tat-territorji li jaqghu taht is-setgha tieghu?

Huwa indikattiv il-fatt li l-imperu Brittaniku seta' jiġi kklassifikat f'hames diviżjonijiet ewlenin: il-Gran Brittanja, id-Dominji, il-Kolonji, il-Protettorati u t-territorji mandati. It-trattat jelenka, u jsemmi b'isimhom kull klassi tal-klassifika imperjali - hlief il-Kolonji. Kif inhu li t-trattat, li kien tant attent li jidentifika erbgha mill-hames klassifiki, jhalli barra ghal kollox dik il-klassi li, fl-1935, kienu fost l-aktar vitali ghall-imperu, u ċjoe` il-kolonji?

L-appellant jissottometti ukoll illi wiehed ma jridx jinsa d-diviżjoni riġida, fl-istruttura kostituzzjonali Ingliża, separazzjoni tal-kolonji mat-territorji l-ohra. Il-kolonji kellhom Ministru ghal rashom, u burokrazija indipendenti (il-*Colonial Office*), mentri t-territorji l-ohra taht is-setgha Ingliża kienu kkunsidrati u amministrati bhala blokk differenti mill-kolonji. Mhux ghalhekk ta' ebda sorpriża li t-trattat segwa l-klassifika fondamentali bejn il-Gran Brittanja, territorji li mhux kolonji u l-kolonji. Jaghmel hafna sens li t-trattat kien japplika ghat-territorji kollha, hlief ghal dik il-klassi distinta u separata li kienet il-klassi tal-kolonji;

M'ghandux jintnesa ukoll illi l-klassifika tat-territorji Ingliżi kienet ta' importanza aktar ghall-Istati Uniti milli kienet ghall-Gran Brittanja. Mentri l-Istati Uniti ma sabux diffikulta` jintrabtu li

jibagħtu ċ-ċittadini Amerikani għall-proċess kriminali fil-Gran Brittanja u fid-dominji (Kanada, Awstralja, eċċ), huwa spjegabbli li sabu opposizzjoni li jibagħtu ċittadini Amerikani għall-proċess kriminali fil-kolonji, identifikati fl-1935 bħala l-aktar territorji retrogradi u bogħod miċ-ċivilta';

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant kwantu jirrigwardaw dan l-aggravju;

Ir-raġunijiet huma s-segwenti:

Fl-ewwel lok jiġi puntwalizzat illi fl-*Order in Council* li permezz tagħha ġie estiż għal Malta it-trattat ta' estradizzjoni bejn il-Gran Brittanja u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Malta dak iż-żmien kienet ikkunsidrata bħala kolonja, it-trattat ta' estradizzjoni li kien ġie ffirmat bejn il-Gvern ta' l-*Istati Uniti* ta' l-Amerika u dak tal-Gran Brittanja, jadopera terminoloġiji diversi, u barra minn hekk il-kelma *dominions* hija użata f'kuntesti differenti u espressa b'mod differenti ukoll fis-sens illi f'ċerti każijiet, kif ser jiġi spjegat hija stampata "*dominions*" u f'ċerti każijiet oħra hija stampata bħala "*Dominions*";

Effettivament, pero', it-Trattat ta' Estradizzjoni, juża s-segwenti espressjoniijiet u kliem:

(a) *His Majesty's dominions*;

(b) *British Dominions Beyond The Seas*;

(ċ) *His Brittannic Majesty's dominions overseas*;

(d) *Territories of the High Contracting Parties*;

(e) *Territory of His Brittannic Majesty*;

(f) *Dominions* b'referenza għal *Dominion of Canada, the Commonwealth of Australia, the Dominion of New Zealand, the Union of South Africa, the Irish Free State,* u *New Foundland* - inkluża ukoll l-Indja;

(ġ) *Possessions of His Brittannic Majesty*;

(ħ) *British Protectorates*;

Imbagħad l-*Order in Council* proprja, tuża ukoll il-kliem "*all British Colonies*";

Eżami akkurat ta' l-istess dokument jindika illi l-użu ta' dawn id-diversi espressjonijiet u nomenklaturi, bl-ebda mod ma jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed aċċidentali, kif ċertament ukoll, ma jistax jitqies illi l-użu tal-kelma "*dominions*" u "*Dominions*" hija xi *lapsus* jew riżultat ta' xi non kuranza;

Infatti, partikolarment bl-eżami ta' l-artikolu 2 in kontra-posizzjoni ma' l-artikolu 14 tat-Trattat, id-differenza bejn is-sinifikat tal-kelma "*dominions* u "*Dominions*" temerġi bl-iktar mod ċar. F'dan il-kuntest, kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha, jemerġi ċar mill-artikolu 2, illi, filwaqt illi għal fini ta' l-istess trattat "*the Territory of His Brittannic Majesty*" kellu jiġi mifhiem li jinkludi l-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, iċ-

*Channel Islands* u l-*Isle of Man* u "*all parts of His Brittannic Majesty's dominions overseas*", ġew speċifikatament esklużi t-territorji l-oħra kollha li jinsabu enumerati fl-artikolu 14, fost territorji oħra illi dan l-artikolu jirreferi għalihom bħala "*Dominions*" b'mod differenti u speċjali minn kif kienu qegħdin jipprovdu għat-territorji l-oħra li diġa' kienu jinsabu koperti bl-artikolu 2. Fil-kuntest ta' dan l-artikolu 14, il-kontraenti jirreferu għal dawn id-"*Dominions*" b'mod differenti u speċjali minn kif kienu qegħdin jipprovdu għat-territorji l-oħra li diġa' kienu jinsabu koperti bl-artikolu 2. Fil-kuntest ta' dan l-artikolu 14, il-kontraenti jirreferu għal dawn id-"*Dominions*" speċifikatament billi jindikawhom bl-isem u ċjoe' "*The Dominion of Canada, the Commonwealth of Austrlia (included for this purpose Papua and Norfolk Island), the Dominion of New Zealand, the Union of South Africa, the Irish Free State and New Foundland - and India*". Jiġifieri, għal dawn it-territorji li huma kkunsidrata bħala "*Dominions*", u kwantu jirrigwarda l-Indja f'ċertu sens anke mhux neċessarjament bħala "*Dominion*" imma xi ħaġa affini, il-kontraenti pprovdew separatament u differentement fl-artikolu 14;

Dan fil-fehma tal-Qorti huwa biżżejjed biex jinnewtralizza l-kritika li l-appellanti qed jagħmel għas-sentenza appellata fis-sens li din tivvjola l-prinċipji bażiċi ta' l-ermenewtika, fis-sens illi skond hu, ma kienx konċepibbli illi l-istess kelma, jiġifieri "*dominion*" tintuża aktar minn darba f'sensijiet differenti fl-istess korp ta' liġi. Huwa evidenti illi dan ir-raġunament ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment il-għaliex fil-fehma tal-Qorti hemm biżżejjed x'jindika minn dak li diġa' ngħad, illi l-kontraenti użaw il-kelma "*dominions*" f'żewġ sensi separati u distinti, ċjoe', waħda b'referenza għal ċerti territorji partikolari u li jinsabu indikati u elenkati fl-artikolu 14 u riferiti bħala "*Dominions*", u oħra għal

territorji oħra li mhumiex dawk it-territorji imma li jiffurmaw parti mill-"*His Majesty's dominions*" jew "*all parts of His Brittannic Majesty's dominions overseas*", u ultimament għal dak illi jidher li huwa fondamentali fl-istess trattat, u li l-partijiet għażlu li jinjoraw, u ċjoe` l-kunċett ta' "*territories*" jew "*territory*" "*of the high contracting party*";

L-istess jista' jingħad kwantu jirrigwarda territorji oħra li huma speċifikatament esklużi mill-artikolu 2 u li pero` l-kontraenti jipprovdu għalihom separtament u distintament taħt artikoli oħra. F'dan il-kuntest issir referenza għal *British Protectories* li b'funzjoni legali, taħt l-artikolu 16, qed jiġu kkunsidrati bħala "*Possessions of His Brittannic Majesty*" kif ukoll il-"*Mandated Territories*", pero`, dan mhuwiex wisq importanti li jiġġustifika li l-Qorti tidħol f'aktar dettal, ħlief għall-fatt illi l-mod kif artikolu jibni fuq ieħor f'dan it-trattat hu indikattiv ta' kif il-kontraenti riedu li jirregolaw il-materja ta' estradizzjoni bejniethom biex eventwalment tkun tista' tiġi estiża għall-imperukollu Ingliż;

A skans ta' ħafna ripetizzjonijiet din il-Qorti jidhrilha, illi apparti dan illi għadha kif qalet, hu l-każ li tagħmel ukoll referenza għall-maġġor parti tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, partikolarment dawk ikkontenuti fil-paragrafi 11 u 12 tas-sentenza appellata li din il-Qorti taqbel magħhom;

Ma' dan, din il-Qorti jidhrilha li jkun tajjeb jiżdiedu xi aspetti oħra illi setgħet tikkonstata minn riċerka illi għamlet:

Fl-*International Law Opinions - Selected and Annotated by Lord McNair, Volume I, Cambridge University Press, 1956*, taħt il-voċe *Colonies*, a paġna 63, hemm rapportata illi "*the colonies are*

*integral portions of the Queen's dominions, more especially for all international purposes*";

Fl-i*Stroud's Judicial Dictionary of Words and Phrases, Fourth Edition, Volume I, 1971*, "*British possession*" hija deskritta bħala "*in all acts of Parliament passed after December 31, 1889, "British possession" shall mean any part of Her Majesty's dominions exclusive of the United Kingdom; and where parts of such dominions are under both a central and local legislature, all parts under the central legislature shall, for the purposes of this definition, be deemed to be one British Possession*" - *Interpretation Act, 1889*;

Din il-Qorti tista' tibqa' sejra b'eżami ddettaljat ta' diversi leġislazzjonijiet Ingliżi fejn daqqa tintuża l-kelma *dominion* f'sens ġenerali u daqqa f'sens partikolari, bħal per eżempju, taħt il-*Copyright Act* ta' l-1842 li kienet tkopri ukoll "*all parts of the United Kingdom of Britain and Ireland, the Island of Jersey and Guernsey, all parts of the East and West Indies, and all the colonies, settlements and possessions of the Crown which now are or hereafter may be acquired*". Pero`, dan fil-fehma tagħna, jkun kollu eżerċizzju inutili għaliex essenzjalment dak li jirrigwarda dan il-każ huwa t-trattat bħala tali ta' estradizzjoni bejn il-Gran Brittannja u l-Istati Uniti, u kif ingħad, ma jistax ikun hemm dubbju illi kwantu jirrigwarda l-użu tal-kelma "*Dominions*" dak it-trattat kien qed jirreferi għal ċerti territorji speċifikatament imsemmija u intenzjonalment esklużi mill-operazzjoni diretta ta' l-artikolu 2, mentri l-użu tal-kelma "*dominions*" f'partijiet oħra ta' l-istess trattat u senjatament fl-artikolu 2, huwa ovvju illi huwa intenzjonat li jinkludi dawk it-territorji kollha appartinenti għar-Re jew ir-Reġina u li mhumiex esklużi tassattivament;

Konklużjoni oħra li tasal għaliha din il-Qorti hi li mhux biss ma jistax jingħad illi f'dawn it-territorji huma esklużi l-kolonji, imma bilfors ikollha tagħmel referenza għall-parti operattiva ta' l-*Order in Council*, li wara kollox tifforma parti integrali missuċċessjoni fil-kuntest ta' dritt internazzjonali u ċjoe' illi l-Gvern Ingliż, permezz ta' l-istess *Order in Council*, u fit-termini ta' l-istess trattat, estenda l-operattivita` ta' l-istess ukoll għal dak li huma msejħin "*all British colonies*";

Fil-fehma tal-Qorti dan il-kapitolu għandu jingħalaq hawnhekk il-għaliex kwalunkwe ħaġa oħra li tista' tingħad tkun in abbondanza u fil-fehma tagħha l-każ ma jirrikjedix aktar milli ngħad diġa`;

Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint;

Stabbilit dan, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-aggravju ta' l-appellant rigwardanti l-preskrizzjoni;

L-aggravji relattivi huma s-segwenti:

Skond l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni l-estradizzjoni trid issir skond l-arranġamenti stipulati fit-Trattat. L-artikolu 5 tat-Trattat jivvjeta l-estradizzjoni minn Malta meta r-reat ikun preskritt skond il-liġi ta' Malta;

Il-Qorti Ċivili Prim'Awla, jidher li laqgħet it-talba tar-rikorrenti inkwantu ddikjarat illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha tidħol biex teżamina jekk l-azzjoni kinitx preskritta jew le skond il-liġi. Infatti fil-paragrafu nnumerat "14", f'paġna 13 tas-sentenza, il-Qorti ma qablitx mal-konklużjoni tal-Qorti ta' l-Appell

Kriminali li l-kwistjoni tal-preskrizzjoni għandha tkun imħollija f'idejn il-Ministru. Jidher għalhekk, bla ebda dubbju illi l-aggravju tar-rikorrenti konċernanti l-preskrizzjoni ma ġiex deċiż entro l-ambitu tad-dritt kostituzzjonali tiegħu, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Isegwi għalhekk illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali li kienet il-Qorti kompetenti biex tidħol f'din il-materja, ppronunzjat ruħha fuq dan il-punt tal-preskrizzjoni bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni. Il-punt issollevat mir-rikorrent li l-kwistjoni tal-preskrizzjoni kienet materja li kellha tiġi deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ġiet totalment injorata;

Dan il-punt hu ferm importanti fil-kontest intier tar-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. F'dan ir-rikors, intavolat fir-Reġistru fil-21 ta' Mejju, 1997, ir-rikorrenti kien issolleva aggravji oħra ta' natura proċedurali u punt ta' dritt. Kien ilmenta illi l-Qorti Rimandanti kienet ċaħdet it-talba tiegħu illi hu jikkontroeżamina ċerti xhieda tal-prosekuzzjoni. Kien ippuntwalizza illi hu ried permezz ta' dawn il-kontro-eżamijiet, jipprova ċerti fatti li sa jkollu relevanza għall-iskopijiet ta' preskrizzjoni. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ċaħdet ukoll dawn l-aggravji. Ir-raġuni għalfejn għamlet dan jidher li hu preċiżament minħabba li għal dik il-Qorti, il-materja tal-preskrizzjoni ma kinitx waħda li fuqha hi kellha tagħti ġudizzju. Din il-kwistjoni għal din il-Qorti, kellha tiġi mħollija fid-diskrezzjoni tal-Ministru;

Isegwi illi meta l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-deċiżjoni tagħha, daħlet biex tara jekk l-azzjoni hiex preskritta jew le, hija skartat għal kollox dan il-punt premess. Mhux hekk biss, iżda din il-Qorti, issaħħaħ l-argumentazzjoni tagħha illi l-azzjoni mhix preskritta, billi tindika u tagħmel enfasi minn silta tat-testimonjanza ta' Angela Melton (*vide* paġna 13 tad-deċiżjoni);

B'din is-silta, li saħansitra l-Qorti daħħlitha li għandha tikkwota *verbatim*, il-Qorti tagħti raġuni għala l-perijodu tal-preskrizzjoni ġie interrott;

Il-posizzjoni li tirriżulta hi, għalhekk, skond l-appellant, frustranti għall-aħħar. Hemm dikjarazzjoni mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, illi d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali hi anti-kostituzzjonali, hemm dikjarazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali messha daħlet biex tiddeċidi din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, u hemm sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ġie miċħud lilu d-dritt li jikkontro-eżamina lil Angela Melton għall-finijiet ta' fatti konċernanti l-preskrizzjoni;

Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-appellant ma jaqbilx illi l-azzjoni mhix preskritta peress li ġiet interrotta. Ir-rikorrent jaqbel mal-Qorti għal dak li ssemma li hu r-*ragion essere* ta' l-istitut tal-preskrizzjoni (*vide* paragrafu 15 tas-sentenza paġna 13). Ir-rikorrenti jaqbel mal-fatti elenkati mill-Qorti u f'dan ir-rigward hu jixtieq jagħmel referenza għall-fatti kif minnu msemmija fir-rikors ta' l-appell, paġna 2 u 3, ippreżentat fir-reġistru quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ir-rikorrenti pero`, ma jaqbilx li l-preskrizzjoni "ġiet interrotta darbtejn". Skond hu, l-unika interruzzjoni kienet fit-3 ta' Frar, 1997, meta nħareġ il-mandat ta' arrest mill-Maġistrat Griscti, liema mandat u atti sussegwenti ġew innotifikati lilu f'dak l-istess żmien;

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għamlet referenza għall-artikolu 693 tal-Kodiċi Penali u waslet għall-konklużjoni li l-mandat ta' arrest maħruġ mill-Qorti Kriminali Amerikana fis-27 ta' Frar, 1992 interrompa l-preskrizzjoni. Din il-konklużjoni fl-umli opinjoni ta' l-esponenti hi għal kollox skorretta u dan għas-segwenti raġunijiet:

L-att ta' l-akkuża fl-Amerika kontra r-rikorrenti ġie ppreżentat fl-istess jum li l-imsemmija Qorti ħarġet ukoll il-mandat ta' arrest. Dan il-mandat ta' arrest inħareġ mill-Qorti peress li r-rikorrenti ma deherx quddiemha. Wieħed pero' jrid jiftakar li l-att ta' akkuża qatt ma ġie nnotifikat lir-rikorrenti fl-Amerika u li l-ewwel darba li hu sar jaf bl-eżistenza tiegħu kien f'Malta fit-18 ta' Frar, 1997. Il-Qorti Amerikana għalhekk, ma kellha l-ebda poter li toħroġ mandat ta' arrest li jista' jkolu effett estraterritorjali. Dak il-mandat ta' arrest kien limitat biss għall-iskop sabiex una *volta* r-rikorrenti kien fl-Amerika, hu seta' jiġi arrestat sakemm jinġieb quddiemha biex jirrispondi għall-att ta' l-akkuża. Il-Qorti Ċivili Prim'Awla, esprimiet li r-rikorrent ried iġib il-provi li dan il-mandat ma kienx legali. Dan bir-rispett mhux l-argument fil-kuntest ta' din is-sottomissjoni. Kif diġa' muri u kif jiġi ulterjorment sottomess waqt it-trattazzjoni orali, dan il-mandat, fl-isfond ta' proċeduri ta' estradizzjoni mhux wieħed li għandu jittieħed in konsiderazzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali;

L-Awtoritajiet Amerikani kienu jafu, u kellhom kull mezz li jkunu jafu, li r-rikorrenti ma kienx fl-Istati Uniti fis-27 ta' Frar, 1992. Mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti siefer mill-Amerika b'mod legali u wara li kkompleta l-formalitajiet kollha ta' l-Immigrazzjoni. Mela, jissottometti l-appellant kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta qalet li "l-persuna ma tkunx tista' tinstab minħabba xi ħaġa li tkun għamlet hija stess". L-awtoritajiet Amerikani, meta nħareġ dak il-mandat ta' arrest, kienu jafu li mhux effettiv għall-Istati Uniti peress li kienu jafu li r-rikorrenti kien siefer ħames (5) xhur qabel. Dak il-mandat seta' jkollu effett biss kieku r-rikorrent kien fl-Amerika. Biex xi ħadd għalhekk, jista' javvanza xi argument li dan il-mandat jinterrompi l-preskrizzjoni, tali mandat ma kellux ikollu effett domestiku, iżda kellu jkollu ukoll effett internazzjonali. Dan ma

sarx min-naħa ta' l-awtoritajiet Amerikani. Ir-rikorrenti siefer diversi drabi f'diversi pajjiżi matul iż-żmien li għex Malta. L-ebda pajjiż ma żammu, ma kienx hemm *international arrest warrant.* Hu dan it-tip ta' mandat illi għandu japplika sabiex l-Awtoritajiet Amerikani jistgħu jargumentaw illi huma kienu qed jagħtu avviż li kienu bi ħsiebhom jipproċedu bil-każ;

*Ai termini* ta' l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali minn imkien ma ġie ppruvat li r-rikorrent ħarab mill-Amerika. Fil-liġi tagħna l-interpretazzjoni korretta tal-kelma "telaq" fit-tieni subinċiż, bilfors trid tinftiehem li l-persuna tkun telqet wara li jkun inħareġ *il-mandat* ta' l-arrest. Fil-liġi tagħna, mandat ta' arrest ma jistax jinħareġ mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jekk l-ewwel dik il-persuna ma tkunx diġa` akkużata quddiemha. Hu veru li taħt il-liġi tagħna l-pulizija esekuttiva tista' tordna l-arrest ta' persuna, pero`, dik il-persuna trid tkun f'Malta. Meta ma tkunx, il-pulizija, permezz ta' arranġamenti internazzjonali, tista' tordna *international arrest warrant*. Din hi l-posizzjoni legali skond il-*lex fori*;

Il-Qorti Ċivili Prim'Awla donnha ukoll għamlet xi aċċenn fuq il-ħruġ taċ-ċitazzjoni. Iċ-ċitazzjoni, fil-liġi tagħna hija *semplice avviso da comparire* li jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali. L-Onorabbli Qorti donnha riedet tgħid li hemm istanzi meta l-pulizija jistgħu jirreġistraw fir-Reġistru ċitazzjoni, anke meta akkużat ikun imsiefer jew ma jinstabx. Dan hu veru, u f'dawn il-każijiet il-preskrizzjoni tiġi interrotta. Pero`, dan mhux il-każ in eżami. Anke l-Ewwel Qorti kienet taf dan, peress li l-aċċenn hu *obiter* u qiegħed jingħad mingħajr ebda rabta mal-każ odjern;

Għalhekk, skond l-appellant, l-azzjoni hi preskritta. It-terminu ta' preskrizzjoni anke skond l-artikolu ċitat mill-Qorti ta' l-Appell,

kien dik ta' 5 snin. L-unika interruzzjoni saret wara dan il-perijodu, u kwindi l-azzjoni hi preskritta skond il-*lex fori*;

Ikkunsidrat:

Il-paragrafu ċentrali fis-sentenza appellata rigwardanti din il-kwistjoni ta' preskrizzjoni, huwa dak li jġib in-numru erbatax (14) li għalih qiegħda ssir referenza. Din il-Qorti pero`, għalkemm ippruvat tifhem is-sinifikat u s-sustanza ta' l-istess paragrafu, ma rnexxilhiex taferra eżattament x'riedet tgħid u tikkonkludi l-Ewwel Onorabbli Qorti, ħlief illi taħseb illi dak li qed jintqal fih huwa illi dik l-istess Qorti ma kinitx qiegħda taqbel ma' l-interpretazzjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali illi l-kwistjoni ta' preskrizzjoni fi proċeduri ta' estradizzjoni hija rimessa fid-diskrezzjoni tal-Ministru ad esklużjoni tal-Qrati. Kif ukoll, li konsegwentement, minħabba illi l-istess Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali, għażlet li ma tiddeċidix din il-kwistjoni, li hija fi kwalunkwe każ, parti mill-meritu tal-kawża Kostituzzjonali, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ser tgħaddi, kif fil-fatt għamlet, biex tiddeċidi dan il-punt hi;

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aspett ta' preskrizzjoni jrid jiġi eżaminat minn żewġ aspetti: l-ewwel mill-aspett legali kif jemerġi mid-diversi disposizzjonijiet tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tat-Trattat ta' Estradizzjoni bejn il-Gran Brittannja u l-Istati Uniti ta' l-Amerika reż applikabbli għal Malta, u t-tieni taħt l-aspett tal-parametri delineati mir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju;

Dana qiegħed jingħad l-ewwel u qabel kollox il-għaliex kwantu jirrigwarda l-aspett ta' estradizzjoni li hu koperat mill-

paragrafi 13 sa 17 *tar-rikors* promotorju, ir-rikorrent *qiegħed* jallega ksur tad-dritt fondamentali tiegħu protett bl-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni *billi qed jippretendi li l-estradizzjoni tiegħu ma tistax* issir jekk ir-reat hu preskritt. Billi pero` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddeklinat li tiddeċidi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni jew minħabba l-mod kif iddeċidiet l-istess kwistjoni, huwa għalhekk indirizza t-talba b'dan il-mod oblikwu. Ċjoe`, fis-sens illi, minħabba li skond l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, l-estradizzjoni trid issir fir-rispett ta' l-arranġamenti li jkunu saru fit-Trattat u anke skond il-Liġi, u minħabba illi biex estradizzjoni ma tkunx in vjolazzjoni *ta'* l-*artikolu* 43 tal-Kostituzzjoni, ir-reati kkontestati ma jridux ikunu preskritti *skond il-Liġi Maltija u billi, skond huma l-azzjoni kriminali* promossa mill-Gvern ta' l-Istati Uniti hija preskritta skond il-Liġi Maltija, allura l-ordni ta' estradizzjoni li saret - u evidentement bilfors hawnhekk wieħed irid jifhem li qed issir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali - *tikkostitwixxi* ksur ta' l-artikolu 43 imsemmi, proprju minħabba illi qed tiġi awtorizzata estradizzjoni fuq reat illi skond l-appellant (rikorrent) hija preskritta taħt il-liġi Maltija. Tant hu hekk, illi fit-talba, bħala talba alternattiva, ir-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni li l-estradizzjoni - evidentement dik deċiża *mill-Qorti ta'* l-Appell Kriminali - tikser l-istess artikolu 43 tal-Kostituzzjoni stante li t-Trattat ta' estradizzjoni relattiv jivvjeta l-estradizzjoni *meta* r-reati jkunu preskritti skond il-Liġi Maltija, u r-reati addebitati lilu huma, skond hu, hekk preskritti;

Issa m'hemmx dubbju *illi l-*Onorabbli Qorti ta' *l-Appell Kriminali* deħrilha illi meta l-artikolu 11 (2) (d) tal-Kap. 276 jipprovdi illi, bla ħsara għall-ġeneralita` tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-istess Kap., il-Ministru jista' jirrifjuta li jagħmel ordni taħt l-artikolu 13 jew l-artikolu 21 ta' l-istess Kap. jekk il-proċeduri għar-reat li dwaru tkun mitluba

estradizzjoni jkunu preskritti jew skond il-Liġi ta' Malta jew skond il-Liġi tal-pajjiż li jagħmel it-talba, il-liġi kienet qed tirriserva dan it-tip ta' deċiżjoni esklussivament għall-Ministru u allura ad esklużjoni tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali. Inoltre, kif jirriżulta mill-paragrafu 19 (paġna 5) fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-possibbilita' li tiġi epurata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni ġiet ukoll eskluża minn dik il-Qorti meta rriteniet li "l-preskrizzjoni hija kwistjoni li għandha titħalla għad-deċiżjoni tal-ġudikant fil-meritu". Kieku dan kien korrett, l-artikolu 5 tat-Trattat - apparti konsiderazzjonijiet oħra - li jipprevedi li estradizzjoni ma ssirx jekk l-azzjoni tkun preskritta skond il-liġi tal-pajjiż fejn ikun qed isir il-proċess ta' l-estradizzjoni, sar u qiegħed hemm għalxejn. Sitwazzjoni bħal din, pero', ma tistax tiġi sostnuta legalment, għax ma tkunx tagħmel sens;

Dawn il-Qrati, skond l-istess Kap. 276, jistgħu jiġu aditi, anzi skond il-Kostituzjoni, biex issir estradizzjoni jridu jiġu aditi biex jikkunsidraw talbiet għall-estradizzjoni u jikkonduċu l-proċeduri appositi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha rigwardanti l-preskrizzjoni waslet għall-konklużjoni żbaljata. Infatti, din il-Qorti, mingħajr ebda eżitazzjoni ta' xejn, filwaqt illi hija ben konxja illi l-kunċett ta' estradizzjoni storikament kien essenzjalment proċess esekuttiv u mhux wieħed ġudizzjarju u f'ċertu sens kien espressjoni ta' *act of state*, ċjoe', espressjoni ta' sovranita' ta' Stat li lilu ssir talba għal estradizzjoni, maż-żmien intlibbes vesti mista ta' esekuttiv u ġudizzjarju flimkien, fis-sens illi llum, prattikament hija l-prattika universali, del resto inkorporata fil-Kostituzzjoni tagħna illi għandu jkun hemm dejjem proċeduri ġudizzjarji stabbiliti *ad hoc* li għandhom jiġu segwiti bħala l-proċess ordinarju biex tiġi akkordata talba għal estradizzjoni minn Stat ieħor. Dan indipendentement mid-

dritt illi għandu l-Esekuttiv, ċjoe' *l-Istat*, *illi jirrifjuta* illi jestradixxi persuna lil Stat ieħor meta tkun saret it-talba, fuq bażi purament esekuttiva, li temerġi anke minn diversi liġijiet inklużi dik tagħna, ċjoe' l-Kap. 276, mingħajr il-ħtieġa *ta'* proċess ġudizzjarju. Pero', llum, huwa inkonċepibbli, anke għax il-Kostituzzjoni tipprojbih, illi jkun hemm estradizzjoni deċiża mill-Istat mingħajr il-proċess ġudizzjarju li għandu jistabbilixxi qabel kollox li jokkorru l-elementi kostituttivi tal-liġi li jiġġustifikaw *li ssir l-estradizzjoni*;

Il-konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija waħda essenzjalment faċli u fil-fehma tagħha inevitabbli. Hija temmen illi l-artikolu 11 (2) (d) tal-Kap. *276*, *li jagħti poter* lill-Ministru li jirrifjuta li jirrimanda persuna f'pajjiż ieħor li tagħha tkun intalbet l-estradizzjoni minħabba preskrizzjoni skond il-Liġi ta' Malta bl-ebda mod ma jista' tinftiehem illi qed teskludi l-ġurisdizzjoni, u kif ser jiġi spjegat, anke d-dover tal-Qrati li jiġu aditi biex jikkonduċu l-proċess li jwassal għall-estradizzjoni, milli jieħu in konsiderazzjoni u jiddeċidu huma ukoll u indipendentement mill-Ministru fuq materja ta' preskrizzjoni. Element dan li wara kollox huwa materja prestament u unikament ta' indoli legali li mhux biss potenzjalment jifforma parti minn kull proċess kriminali, iżda illi essenzjalment, skond il-liġi tagħna, u skond il-liġi ta' pajjiżi oħrajn, jista' jwassal għall-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Inoltre, ġie pprovdut għalih ukoll fit-Trattat imsemmi. Huwa inkonċepibbli illi l-fehma tal-leġislatur meta sar is-subartikolu msemmi, kienet illi fuq kunċett purament legali jiddeċidi *unikament il-Ministru* mentri fuq kunċetti purament ta' ekwita' tiddeċidi l-Qorti. Dan ikun l-akbar kontrosens u ċjoe' li wieħed jammetti li l-liġi kif inhi tfisser illi l-Qrati huma preklużi milli jikkonsidraw u jiddeċidu fuq aspett li huwa pre-eminentement legali u insitu fil-proċess kriminali u fl-azzjoni kriminali, filwaqt illi l-istess deċiżjoni hija riservata unikament lill-

eskuttiv. Din il-Qorti, għalhekk, mingħajr ebda eżitazzjoni tiddikjara li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali illi l-ġurisdizzjoni biex tiġi deċiża l-kwistjoni ta' preskrizzjoni kienet tappartjeni mhux lilha imma lill-Ministru u li l-preskrizzjoni hija materja riservata biss għall-ġudikant fil-meritu;

Il-konsegwenza ta' dan kollu hija illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, a bażi ta' konsiderazzjonijiet oħra, imma ad esklużjoni s'intendi, tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni, li ma daħlitx fiha, ddeċidiet illi l-appellant Satariano kellu jiġi rimandat biex ikun jista' jiġi estradit lejn l-Istati Uniti;

Bħala konsegwenza legali dik is-sentenza tfisser illi ttieħdet deċiżjoni illi essenzjalment tista' twassal għall-estradizzjoni ta' l-appellant Satariano a bażi tal-Kap. 276, pero', evidentement ad esklużjoni ta' wieħed mill-fatturi importanti u possibbilment determinanti insiti fl-azzjoni kriminali ċjoe', dak tal-preskrizzjoni li kienet ġiet issollevata, u li anke t-Trattat jipprovdi għaliha;

Dan, fil-fehma tal-Qorti, jfisser illi in kwantu dik l-estradizzjoni ġiet "awtorizzata" mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-istess kienet qiegħda tiġi "awtorizzata" mhux wara konsiderazzjoni idonea u kompleta tal-Liġi u t-Trattat kif rikjest mill-Kostituzzjoni, fis-sens illi l-istess deċiżjoni ttieħdet, kif ingħad, ad esklużjoni ta' l-aspett tal-preskrizzjoni li, kif din il-Qorti qed tafferma, ma kellu qatt jitħalla barra. Meta l-Kostituzzjoni tesiġi li l-estradizzjoni ssir biss skond it-Trattat u l-Liġi, mhux konċepibbli li parti sostantiva u vitali mill-istess liġi, speċjalment waħdu espressament ipprovduta fit-Trattat, tiġi posittivament eskluża minn kull konsiderazzjoni mill-istess Qorti li suppost tapplika l-Liġi u t-Trattat fl-intier tagħhom. B'li ġara, mhux biss ġiet injorata l-Liġi

iżda anke l-artikolu 5 tat-Trattat bħallikieku sar għalxejn;

Il-konklużjoni ta' dan kollu, evidentement hija ċara, fis-sens illi, dik ir-rimessa in kustodja għall-fini ta' estradizzjoni, kienet tippekka in kwantu ddeklinat illi tieħu in konsiderazzjoni wieħed mill-fatturi li l-appellant, quddiem dik il-Qorti, kellu dritt li jissolleva u *jippretendi li jiġi deċiż;*

Il-posizzjoni pero`, mhix daqstant sempliċi in kwantu, fi proċeduri ta' estradizzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati, u sussegwentement meta jkun hemm appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma jaslux għall-konklużjoni illi għandu bilfors ikun hemm estradizzjoni, ċjoe` d-deċiżjoni tagħhom ma tista' qatt tkun fis-sens illi jawtorizzaw u jordnaw l-estradizzjoni, imma biss illi jekk ikunu sodisfatti mill-vot tal-liġi, jibagħtu lil dik il-persuna li tkun quddiemhom taħt kustodja għall-fini ta' treġġigħ lura taħt il-Kap. 276. Ikun jispetta mbagħad lill-esekuttiv illi jagħti esekuzzjoni għat-talba ta' estradizzjoni fid-diskrezzjoni tiegħu, liema *diskrezzjoni* taħt l-istess Kap. tista' twassal biex ma jkunx hemm l-estradizzjoni xorta waħda jekk il-Ministru jkun sodisfatt minn ċerti fatturi li din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fihom. Dana pero` qiegħed jingħad għaliex essenzjalment kemm is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma jistgħu qatt jiġu meqjusa bħala deċiżjoni ta' estradizzjoni. In kwantu, pero`, huwa inkonċepibbli illi jkun hemm estradizzjoni jekk il-proċeduri legali li jkunu ttieħdu ma jkunux wasslu għal rimessa in kustodja għall-fini ta' treġġigħ lura taħt l-Att, is-sentenza ta' Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għandha l-importanza tagħha billi hija parti integrali mill-proċess ta' estradizzjoni u mingħajrha l-estradizzjoni ma tistax issir, anke jekk biha b'kollox, xorta waħda *jista' jkun* hemm każijiet fejn estradizzjoni ma ssirx;

Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, jeżisti dak l-interess ġuridiku u anke Kostituzzjonali ta' l-appellant, illi ma jitħallewx validi proċeduri illi jistgħu jwasslu għall-estradizzjoni tiegħu, jekk dawn, minnhom infushom jippekkaw f'dak li huwa rikjest mill-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anke mit-Trattat. Fis-sens illi jekk il-Kap. 276 u/jew it-Trattat jipprojbixxu l-estradizzjoni fejn l-azzjoni hija preskritta, skond il-Liġi Maltija, bħala konsegwenza joħroġ id-dritt ta' dak li jkun soġġett għall-proċeduri ta' estradizzjoni, li jekk huwa jippretendi illi l-azzjoni kriminali mressqa kontrih fil-pajjiż esteru hija preskritta skond il-Liġi Maltija, jkollu dan il-punt definit mill-organu li huwa pre-eminentement mistenni mil-liġi li jiddeċidih , ċjoe` t-tribunal li jkun ġie adit taħt l-istess Kap. 276, biex jeżamina u jiddeċidi l-proċess kollu ta' estradizzjoni skond il-Liġi u skond it-Trattat;

Din il-Qorti għalhekk, ma tistax ma tasalx għall-konvinċiment li, in kwantu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddeċidiet kif iddeċidiet, dan kien jippriva lill-appellant quddiemha, mid-dritt li għandu taħt l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni li jkollu garantit id-dritt tiegħu li ma jiġix estradit minn Malta jekk l-azzjoni Kriminali intentata kontrih hija, skond il-Liġi Maltija, preskritta. Is-sentenza ta' dik il-Qorti essenzjalment tinjora li r-referenza lill-Qrati taħt il-Kap. 276 ma tista' qatt tfisser li din twassal, kif ingħad, materja legali tiġi deċiża minn Ministru filwaqt li l-Qrati jibqagħlhom kwistjonijiet ta' ekwita`. Għalhekk kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Il-posizzjoni pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti, ġiet ikkomplikata mill-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu wara li qalet fil-paragrafu 14 tas-sentenza appellata, li kif ingħad, mhux ċar biżżejjed fil-fehma ta' din il-Qorti, imbagħad għaddiet biex tiddeċidi l-kwistjoni tal-

preskrizzjoni hija stess;

Huwa veru illi f-termini tar-rikors promotorju tal-ġudizzju, dik il-Qorti ġiet adita biex tiddeċidi l-kwistjoni ta' preskrizzjoni bħala l-bażi tat-talba alternattiva li hemm ikkontenuta fl-istess rikors, pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti dan kien jesorbita mill-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, anke in Sede Kostituzzjonali, fis-sens illi ma jirriżulta minn imkien, illi nonostante r-rikors promotorju, hija kellha ġurisdizzjoni tiddeċidi ħaġa li hija purament ta' indoli penali, jew li r-rikors promotorju kien jagħtiha ġurisdizzjoni fejn m'għandhiex;

F'dan il-kuntest din il-Qorti ma jidhrilhiex illi hu l-każ li tidħol biex tara x'kienet il-funzjoni ta' l-Ewwel Qorti una volta ma kinitx qiegħda taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati u mad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Dak li hu importanti huwa x'tista' tagħmel din il-Qorti biex tirrimedja għall-vjolazzjoni kostituzzjonali li kkonstatat;

Din il-Qorti, qabel xejn, tara li minħabba li l-ordni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-16 ta' Ġunju, 1997 li l-appellant quddiemha jiġi mibgħut taħt kustodja biex jitreġġa' lura fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ġiet raġġunta bl-esklużjoni posittiva li tiġi epurata u deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu ssollevata u dan jikkostitwixxi, kif ingħad, ksur ta' l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, ir-rimedju indikat għandu neċessarjament jiġi indirizzat lejn dik il-parti tas-sentenza. Dana biex jiġi assigurat li l-appellant jingħata l-protezzjoni sħiħa li l-Kostituzzjoni takkordalu. Jiġi ppreċiżat ukoll li din il-Qorti kkonstatat li meta l-Qorti msemmija ddeklinat li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, in kwantu ddeċidiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni

tiddeċidiha, ma kinitx b'daqshekk qed tippronunzja ruħha u tiddeċidi fuq dik il-materja, li pero`, hu ovvju li għandha tiġi deċiża qabel ma jkun hemm ordni biex l-appellant jitpoġġa f'kustodja għall-fini ta' l-estradizzjoni tiegħu. Dana qed jiġi ppreċiżat biex din il-Qorti tagħmilha ċara li dak li ser jiġi annullat mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa biss l-ordni ta' rimessa in kustodja u d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti li ma kellhiex ġurisidzzjoni tidħol biex teżamina u tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, m'għandux ikun hemm ostakoli biex dik l-istess Qorti kif ippresjeduta, tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, stante li din qatt ma ddeċidietha fil-meritu, u stante li l-kwistjonijiet l-oħra deċiża minnha mhux qed jitmissu b'din is-sentenza ħlief s'intendi d-deċiżjoni li ma tilqax it-talba għar-rogatorji in kwantu diretta biex tipprova l-preskrizzjoni li ser tibqa' impreġudikata;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell kif ġej:

Billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet it-talba prinċipali tar-rikorrent appellant u ċjoe` li jiġi ddikjarat li n-notifikazzjoni tal-Gvern (*Order in Council*) numru 403 ta' l-1935 hija *ultra vires* l-*Enabling Treaty* u li bħala tali, tikser l-artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni;

Billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet ukoll it-talba alternattiva tar-rikorrent li l-estradizzjoni tikser l-istess artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni stante li t-Trattat ta' estradizzjoni jivvjeta l-estradizzjoni meta r-reati jkunu preskritti skond il-Liġi ta' Malta u r-reati addebitati lilu huma hekk preskritti u minflok tiddikjara illi in kwantu l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, bis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju, 1997, ordnat li l-appellant

jitpoġġa taħt kustodja għall-fini ta' l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika wara li kienet posittivament iddeklinat li tidħol biex teżamina u tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jikkostitwixxi ksur tad-dritt ittutelat mill-artikolu 43 (1) tal-Kostituzzjoni in kwantu *jippriva* lill-*appellant li* jkollu deċiż element li, jekk jirriżulta, iwassal għall-konklużjoni li ma jkunx jista' jiġi estradit kif mitlub;

Billi tannulla s-sentenza appellata in kwantu daħlet u ddeċidiet fil-meritu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Billi bħala rimedju:

Tannulla s-sentenza tas-16 ta' Ġunju, 1997 mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali limitatament għall-parti fejn iddeċidiet li f'materja ta' proċeduri ġudizzjarji ta' estradizzjoni ma kellhiex ġurisdizzjoni tinvesti u tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u minħabba f'hekk anke eskludiet talba għar-rogatorji intiża biex tiġi sostnuta l-preskrizzjoni eċċepita mill-appellant, kif ukoll tannulla l-ordni ta' dik il-Qorti li l-appellant jitpoġġa taħt kustodja għall-fini ta' l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika in kwantu din ittieħdet mingħajr ma ġiet epurata u deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Tordna li konsegwentement, għall-fini tal-proċeduri ġudizzjarji ta' l-estradizzjoni, li għandhom jitqiesu li għad mhux konkjużi, l-appellant jitpoġġa fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma ngħatat is-sentenza tas-16 ta' Ġunju, 1997 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex din, fid-dawl ta' din is-sentenza, tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, biex imbagħad tkun tista' finalment tasal għal deċiżjoni fermi restando dawk il-vertenzi l-oħra minnha

ġa` deċiżi li mhux qed jiġu annullati, b'dan pero`, li l-kwistjoni tar-rogatorji għall-fini ta' prova ta' preskrizzjoni, preposta għall-istess eċċezzjoni, għandha titqies bħala li għadha impreġudikata;

Il-kap ta' l-ispejjeż deċiż fi prim'istanza jibqa' ferm mentri l-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu ukoll sopportati nofs mill-appellant u nofs mill-appellati.